**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Rikors Nru. 1132/2022/1 GM**

**Faye Camilleri Preziosi (ID 436372M), Nicholas Camilleri Preziosi (ID 469971M), Sharonne Maria Fenech (ID 359658M), l-Avukat Mark Fenech (ID 573458M)**

**vs**

**Daniel Azzopardi xebba Mallia**

**Il-Qorti:**

Ir-rikorrenti huma *third party objectors* skont l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp għal applikazzjoni ta' żvilupp li tinvolvi qlugħ ta' siġar f'open enclave. L-applikazzjoni ġiet milqugħa; ir-rikorrenti appellaw quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar li laqa' t-talba tar-rikorrenti għas-sospensjoni tal-permess pendenti s-smigħ quddiemha billi seta' jkun hemm ħsara irriversibbli. L-appell ġie miċħud. Ir-rikorrenti appellaw fuq punt ta' dritt

quddiem il-Qorti tal-Appell. Sadanittant qegħdin jitolbu li l-iżvilupp ma jsirx sakemm jinqata' l-każ mill-istess Qorti.

L-intimati fir-risposta tagħhom jirribattu li r-rikorrenti ma wrewx fuq liema *policies* tal-ippjanar qegħdin jibbażaw il-pretensjoni tagħhom u għalhekk ma wrewx dritt *prima facie*; l-interpretazzjoni tal-policies jeżorbitaw mill-mansjoni ta' dawn il-Qrati; u li ma jeżistix preġudizzju irrimedjabbli.

Ikkunsidrat:

M'hemmx dubju li jirriżulta mal-ewwel daqqa t'għajn li r-rikorrenti għandhom jedd x'jipproteġu, u dan hu li jappellaw fuq punt ta' dritt mid-deċiżjoni tat-Tribunal imsemmi. Jekk għandhomx raġun jew le, u jekk il-Qorti għandhiex kompetenza fil-materja, hi kwistjoni ta' mertu li teżorbita mill-proċedura kawtelatorja. *Trattandosi* ta' qirda ta' ġnien bis-siġar, m'hemmx dubju li l-preġudizzju huwa wieħed li ma jistax jitreġġa' lura. Ħaġa li saħansitra rrikonoxxa t-Tribunal anke jekk wara wasal għall-konklużjoni li l-appellanti ma kellhomx raġun fil-mertu. Kjarament il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Appell issir eżerċizzju akkademiku bla ebda siwi kemm-il darba l-oġġett li r-rikorrenti jridu jippreservaw, ikun diġa` inqered. Huwa proprju għalhekk li teżisti l-proċedura kawtelatorja. Fi kliem l-illustrissimu ġurista **Piero Calamandrei** fl-opra klassika tiegħu dwar il-provvedimenti kawtelatorji:

> "I provvedimenti cautelari rappresentano una conciliazione tra le due esigenze, spesso contrastanti, della giustizia, quella della celerita` e quella

della ponderatezza: tra il far presto ma male, e il far bene ma tardi, i provvedimenti cautelari mirano innanzitutto a far presto, lasciando che il problema del bene e del male, cioe` della giustizia intrinseca del provvedimento, sia risolto successivamente colla necessaria ponderatezza nelle riposate forme del processo ordinario. Essi permettono in tal modo al processo ordinario di funzionare con calma, in quanto preventivamente assicurano i mezzi atti a far si` che il provvedimento definitivo possa avere, quando sara` emanato, la stessa efficacia e lo stesso rendimento *pratico* che esso avrebbe se fosse emanato immediatamente."[1]

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju fil-mertu.

Mogħti kameralment illum 12 ta' Settembru 2022.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

[1] Piero Calamandrei, Introduzione allo Studio Sistematico dei Provvedimenti Cautelari (1936) paġna 20.